**11 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maria Grech

*versus*

Filippo Abela

**Indebitu — Azzjoni "de in rem verso" — Art. 1025(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex ikun hemm lok għar-ripetizzjoni ta' ndebitu jeħtieġ fl-ewwel lok li jkun sar pagament, fit-tieni lok li l-pagament ma kienx dovut, u fl-aħħarnett li l-pagament ikun sar bi żball. Ir-ripetizzjoni, kwindi, tista' tiġi eżerċitata għall-prestazzjonijiet kollha kompjuti mingħajr ma kienu dovuti u bi żball.*

*Jekk il-persuna li rċeviet il-pagament ma kienetx kapaċi tirċevieh, allura dik il-persuna ma hix tenuta għar-restituzzjoni bl-azzjoni ta' ripetizzjoni, imma b'dik "de in rem verso", jew bl-azzjoni "ex delicto vel ex quasi delicto".*

*Waħda mill-ipotesijiet li fihom il-pagament ma kienx dovut hija dik meta l-pagament ikun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, riżolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tiegħu eċċezzjoni perentorja tajba biex tiddistruġġieh, mhux biss ċivilment, imma anki naturalment. U l-pagament hu magħmul bi żball meta jsir fl-opinjoni żbaljata li tkun qegħda tiġi eżegwita obligazzjoni, mingħajr distinzjoni*

*bejn żball ta' fatt u żball ta' dritt, sakemm l-iżball ta' dritt ikun il-kawża unika jew prinċipali tal-pagament u l-ħaġa ma tkunx dovuta lanqas għal obligazzjoni naturali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li hi ħadet bi twellija l-ħanut fil-Marsa, Jetties Wharf numru 7, bil-ħlas ta' £200, li l-konvenut irċieva wara li assiguraha li kellu l-permess mis-sid li jwelli l-post; u li in segwitu l-konvenut ġie kundannat mill-Bord tal-Kera għaliex issulloka mingħajr permess, b'sentenza tal-5 ta' Settembru 1954, biex jiżgombra l-post; u li hija ġiet imsejħa mis-sid biex *tikkonsenja ċ-ċwievet*, u dan bl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Diċembru 1954; talbet illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilha s-somma ta' £200 li hu rċieva ndebitament, bl-interessi legali, u kull somma oħra b'titolu ta' danni, li jiġu likwidati f'ġudizzju separat, għall-ispejjeż li hi għamlet fil-post u għat-telf tal-istess post. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 1954;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, skond il-liġi, kull min billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura minn għand il-kreditur (art. 1025(1) Kodiċi Ċivili). Fi kliem ieħor, jekk wieħed ikun għamel pagament billi jkun jaħseb bi żball li dak il-pagament kien dovut, fil-waqt li fil-verità ma kienx dovut, għandu dritt jirrepeti mir-riċevent il-ħaġa li jkun ħallas;

Mela, biex ikun hemm lok għar-ripetizzjoni tal-indebitu, tliet kondizzjonijiet huma rikjesti: fl-ewwel lok hu neċessarju li jkun sar pagament; fit-tieni lok ikun hemm bżonn li l-pagament ma kienx dovut; fl-aħħarnett ikun jeħtieġ li l-pagament ikun sar bi żball. Ir-ripetizzjoni, kwindi, tista' tiġi eżerċitata għall-prestazzjonijiet kollha kompjuti mingħajr ma kienu dovuti u bi żball;

Il-pagament, naturalment, irid ikun sar lil persuna *kapaċi biex tirċevieh, għaliex, jekk il-persuna li tkun irċe-*

vietu ma tkunx kapaċi li tirċevieh, allura ma tkunx tenuta bl-azzjoni tar-ripetizzjoni, imma bl-azzjoni "de in rem verso", jew bl-azzjoni "ex delicto vel ex quasi delicto";

Jista' jkun hemm pagament mhux dovut f'diversi ipotesijiet, u waħda minn dawk l-ipotesijiet, wieħed mill-aspetti li taħthom pagament ma jkunx dovut, hu, kif sewwa rrileva l-perit, meta jkun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, riżolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tiegħu eċċezzjoni perentorja tajba biex tiddistruġġieh, mhux biss ċivilment, imma anki naturalment;

Il-pagament hu magħmul bi żball meta jsir fl-opinjoni żbaljata li tkun qegħdha tiġi eżegwita obligazzjoni, mingħajr distinzjoni bejn żball ta' fatt u żball ta' dritt, sakemm l-iżball ta' dritt ikun il-kawża unika jew prinċipali tal-pagament u l-ħaġa ma tkunx dovuta lanqas għal obligazzjoni naturali;

Issa, kif sewwa ssottometta l-perit, l-imsemmijin kondizzjonijiet ġew it-tlieta soddisfaċentement pruvati. Inveru, kwantu għall-ewwel waħda, fuq din lanqas ma qamet kwistjoni, għaliex il-pagament ġie ammess mill-konvenut bħala prezz ta' twellija tal-ħanut imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, kompriżi s-supplika tax-xorb u affarijiet oħra. Kwantu għat-tieni kondizzjoni, kif tajjeb ukoll issottometta l-perit, il-konvenut kien qed iċedi u jittrasferixxi drittijiet li ma kienux tiegħu, jew li ma kienux trasferibbli, tant li hu stess ġie żgumbrat mill-ħanut in konsegwenza ta' din it-twellija, u l-attriċi tilfet dak li kienet akkwistat minn għandu għaliex ittrasferielha ħaġa li ma kellux titolu għaliha. Dan iwassal għall-konklużjoni illi, għalkemm l-obligazzjoni ma kienetx ineżistenti, kienet però fondata fuq titolu annullabbli, li jagħti lok għall-azzjoni ta' ndebitu bħalli kieku kienet obligazzjoni ineżistenti. L-obligazzjoni kellha, tabilħaqq, kawża derivanti minn titolu annullabbli, rexxindibbli, riżolubbli u revokabbli, u kellha kontra tagħha eċċezzjoni perentorja tajba biex tiddistruġġiha, kif intqal fuq, mhux biss ċivilment, imma anki naturalment. Ġiet pruvata anki t-tielet kondizzjoni tal-iżball, bil-fatti li rriżultaw mill-provi, rilevati mill-perit fil-paragrafi 34, 35 u 36 tar-relazzjoni tiegħu (fol. 78 u 79 tal-proċess); liema

fatti, tabilħaqq, juru li l-attriċi għamlet il-pagament fl-opinjoni li kienet qegħdha teżegwixxi obligazzjoni, u li dik l-opinjoni kienet, però, żbaljata;

Għaldaqstant, l-azzjoni kompetenti lill-attriċi hi dik tar-ripetizzjoni tal-indebitu, li hi eżerċitat, u mhix, kwindi, sostenibbli l-eċċezzjoni tal-konvenut li din l-azzjoni ma tikkompetix lill-attriċi, li inveċe jmissha eżerċitat dik ta' danni;

Riferibbilment għall-meritu, u preċiżament għall-ewwel eċċezzjoni li ġiet sollevata kontra tiegħu, din, kif jirriżulta mill-provi li saru quddiem il-perit, ma tistgħax tiġi milqugħa; u dan, kif sewwa ssottometta l-perit, għall-istess raġunijiet li għalihom ġiet ritenuta pruvata t-tielet kondizzjoni, li flimkien mat-tnejn l-oħra ġiebet li tikkompeti lill-attriċi l-"condictio indebiti". Din l-eċċezzjoni kienet fis-sens li l-konvenut mhux responsabbli talli ġara, jiġifieri ta' dak li l-attriċi esponiet fl-att taċ-ċitazzjoni, u li bażi tiegħu eżerċitat l-azzjoni, billi l-istess attriċi ġiet regolarment preżentata lis-sid u ħallset kaparra ta' £50 wara li ġiet preżentata lis-sid u li hu ma għandux jiġi preġudikat fl-interessi tiegħu jekk suċċessivament l-attriċi ma rnexxiliex tipprova l-kunsens tas-sid;

Però, il-konvenut issolleva eċċezzjoni oħra fil-meritu, jiġifieri dik li fil-fond ħalla diversi oġġetti ta' valur rilevanti, li ġew approprijati mill-attriċi, u għalhekk ma għandu jagħtiha xejn lura mill-prezz li hi ħallset għat-twellija. F'dan il-punt jikkonvjeni li wieħed jirrileva illi, skond id-dokument fol. 21 tal-proċess, il-£200 tħallsu bħala rigal għat-twellija tal-ħanut. Il-liċenzi ġew poġġuti f'isem oħt l-attriċi, ċerta Carmela Polidano (fol. 62), għaliex l-attriċi kellha l-liċenza ta' kjosk, u ftehmu bejniethom illi, fil-waqt li l-attriċi tmexxi l-kjosk, l-imsemmija oħtha tmexxi l-ħanut bħala lavranta tagħha (fol. 24). Għall-merkanzija li kien hemm fil-ħanut l-attriċi ħallset £27 separatament (fol. 22). Fil-prezz tat-twellija, però, ġew inklużi diversi oġġetti (fol. 22 u fol. 62). Dawn, skond il-konvenut, kienu dawk elenkati fid-dokument fil-fol. 51.

L-attriċi tammetti li meta l-konvenut jagħtiha lura l-£200, ikollha tagħtieh lura, minn dawk l-oġġetti li huma ndikati fil-fol. 51 galley bil-forn, spiritiera...... (fol. 60). Meta jiġu paragunati ż-żewġ dokumenti, dak fil-fol. 51 u dak fil-fol. 60, fejn hemm indikati l-oġġetti li l-attriċi tammetti li għandha tagħti lura u dawk li tgħid li huma benefikati, jirriżulta illi jibqgħu barra dawn l-oġġetti li l-konvenut jippretendi, jiġifieri tnejn mit-tliet spiritieri......;

Il-perit issolleva l-kwistjoni jekk l-azzjoni tal-attriċi għar-ripetizzjoni tal-indebitu tolqotx is-somma kollha ta' £200 mħallsa għat-twellija jew inkella l-bilanċ li jibqa' wara li titnaqqas il-parti korrispondenti għall-prezz tal-oġġetti fuq imsemmija. Il-perit irraġuna li l-kuntratt kien uniku u l-interess tal-attriċi kien wieħed, li hi takkwista l-pussess leġittimu tal-ħanut bħala inkwilina — ħanut li kien anki munit b'liċenza u kellu ċertu avvjament, u li l-fatt li kien hemm anki xi oġġetti seta' għolla l-prezz taċ-ċessjoni; però dawn kienu ta' importanza aċċessorja u sekondarja, u t-trasferiment tagħhom għandu jsegwi t-trasferiment tal-konsiderazzjoni prinċipali u deċiżiva, li kienet l-inkwilinat tal-fond, u li għalhekk, una volta maħlula u mħassra t-twellija prinċipali, għandha ssegwi l-istess xorti ċ-ċessjoni ta' dawk l-oġġetti li l-attriċi ma kienetx takkwista separatament, u fil-fatt ma akkwistatx separatament. imma bħala parti mit-twellija prinċipali; u allura wasal għall-konklużjoni li l-azzjoni attriċi tolqot anki dawn l-oġġetti indipendentement mill-valur tagħhom. Iżda hu naturali li l-attriċi għandha l-obligu li tirrestitwixxi dawk l-oġġetti, jekk tippretendi r-restituzzjoni tas-somma kollha minnha mħallsa, kif qegħdha tippretendi;

Il-Qorti taqbel mal-perit, u kwindi, kif dan qal qabel ma jiġi deċiż il-meritu jibqa' li għandhom jiġu riżoluti l-kwistjonijiet dwar x'oġġetti għandha l-attriċi tirrestitwixxi, peress li hi tippretendi li x'uħud minnhom jinsabu mwaħħlin bħala miljoramenti, u f'dan il-każ x'inhu l-valur ta' dawk il-miljoramenti u mingħandu jissopporta dan l-aħħar. jiġifieri jekk għandiex tissopportah l-attriċi jew le, u dejjem x'valur għandu jitnaqqas mill-imsemmija somma ta' £200 fil-każ li l-attriċi tonqos li tirrestitwixxi l-oġġetti jew xi oġġett jew oġġetti minn dawk li għandha tirrestitwixxi; u għaldaqstant l-inkartament tal-proċess jiġi mib-

għut lura lill-perit biex jagħmel l-indaġinijiet meħtieġa dwar dawk il-punti, u anki dwar it-talba l-oħra tal-attriċi għal-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' kull somma oħra, oltre l-imsemmijin £200, in titolu ta' danni; u finalment anki dwar l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni li għaliha, kif jidher minn nota fil-fol. 88, il-konvenut għadu ma rrinunzjax;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, fissens li ma tikkompetix lill-attriċi l-azzjoni tal-indebitu minnha eżerċitata, u li l-konvenut mhux responsabbli għal dak li ġara għar-raġuni minnu mogħtija meta ssolleva l-ewwel eċċezzjoni fil-meritu, u dan bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tibgħat lura lill-perit l-inkartament tal-proċess sabiex jirrelata, wara li jkun għamel l-indaġini meħtieġa, dwar il-punti kollha msemmjin fl-aħħar paragrafu tal-parti razzjonali ta' din is-sentenza.